

31989R1644

L 162/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.6.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1644/89**tat-12 ta' Ġunju 1989**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 411/88 dwar il-metodu u r-rata ta' mgħax li għandha tintuża biex tikkalkola l-ispiżha għall-finanzjament ta' miżuri ta' ntervent li jinkludu x-xiri, l-ħażna u l-użu

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 tat-2 ta' Awissu 1978 li jfassal ir-regoli ġenerali għall-finanzjament ta' interventi mill-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanziji, Garanzija Sezzjoni (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 787/89 (²), u l-aktar l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 jipprovdi li t-tariffi għall-interessi huma ffinanzjati mill-FAEGG Sezzjoni tal-Garanzija għall-fondi wżati fix-xiri ta' prodotti, huma fil-każ ta' fondi ġejjin mill-Istati Membri, kkalkolati bl-istess metodu u rata ta' interessi fil-Komunità u billi din ir-rata ta' interessi għandha tirrifletti r-rati ta' nterressi li huma fil-fatt imħallsa;

Billi r-Regolament tal-Kusnill (KEE) Nru 411/88 (³), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 439/89 (⁴), jfassal il-metodu u r-rata ta' interessi wżata fil-kalkolu tal-ispiżha tal-finanzjament fuq imsemmija;

Billi r-rati ta' interessi għall-finanzjament fuq perjodu qasir ta' żmien u fit-tul ivarjaw sew, skond l-Istat Membru; billi l-weighting tar-rati ta' interessi wżati sa issa, ma tax riżultati soddisfaċenti;

Billi r-rati ta' nterressi rrekordjati f' dawn l-aħħar snin għall-ecu aktar ma jgħaddi ż-żmien qegħdin jirriflettu r-rati ta' nterressi, soġġetti għal weighting, għall-muniti li jifformaw l-ecu u billi r-rati ta' nterressi għall-ecu jistgħu għaldaqstant ikunu kkonsiderati li jirriflettu t-tariffi ta' nterressi fil-Komunità;

Billi, minħabba l-iskadenzi għall-finanzjament tal-kapital investit fħażiet ta' intervent, ir-rata uniformi ta' interessi għandha tirrifletti r-rati bil-quddiem ta' tlett xħur u tnax-il-xahar;

Billi l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandu jfassal ir-regoli spċċiċi li għandhom jintużaw għall-Istati Membri li jżommu rati ta'interessi aktar baxxi minn dawk li jirriżultaw mill-użu tar-rati ta' nterressi uniformi;

(¹) ĠU L 216, tal-5.8.1978, p. 1.

(²) ĠU L 85, tat-30.3.1989, p. 1.

(³) ĠU L 40, tat-13.2.1988, p. 25.

(⁴) ĠU L 51, tat-23.2.1989, p. 7.

Billi l-kumitat tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanziji, għadu ma tax opinjoni dwar l-iskadenza mogħtija mill-President,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 411/88 huwa emendat kif ġej:

1. L-artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 3

Ir-rata ta' nterressi msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 għandha taqbel mar-rati ta' nterressi għall-ecu tar-rati bil-quddiem ta' tlett xħur u tnax-il-xahar; li jkunu ġew irrekordjati mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, fuq is-swieq Ewropej bi weighting ta' terz u żewġ terzi rispettivament.

Ir-rata ta' nterressi hija stabbilita qabel il-bidu ta' kull sena fiskali tas-Sezzjoni ta' Garanzija tal-FAEGG fuq il-bażi tar-rati rrekordjati fis-sitt xħur qabel din tkun għidha.

2. Fl-Artikolu 4 qiegħed jiżdied il-paragrafu li ġej:

"1a. L-ispiżha fuq interressi tal-Istati Membri għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 20 għurnata qabel l-aħħar tas-sena finanzjarja. Hija għandha tkun dwar is-sitt xħur ta' qabel din in-notifika.

Fejn l-ebda rata ta' interressi ma tkun notifikata, l-ispiżha tal-interressi li tapplika, għandha tkun stabbilita fuq il-bażi tar-rati ta' nterressi ta' riferenza mfassla fl-Anness."

3. L-Anness ta' dan ir-Regolament qed jiġi miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jiġi fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblifikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Ġunju 1989.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

“L-ANNESS

Riferenza għar-rati ta' nteress msemmija fl-Artikolu 4 (1a) (l)1. *Belġju:*

Rata ta' Brussel għall-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

2. *Danimarka:*

Interessi fuq il-ħruġ ta' bonds tat-Teżor għal 12-il xahar

3. *Ġermanja:*

Rata ta' Frankoforti offerta għas-self interbankarju tlett xhur

4. *Greċja:*

Interessi fuq il-ħruġ ta' bonds tat-Teżor ta' tlett xhur

5. *Franza:*

Rata ta' Pariġi tal-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

6. *Spanja:*

Rata ta' Madrid tal-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

7. *Irlanda:*

Rata ta' Dublin tal-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

8. *L-Italja:*

Interessi fuq il-ħruġ ta' bonds tat-Teżor għal tlett xhur

9. *Il-Lussemburgu:*

Rata interbankarja għal tlett xhur

10. *L-Olanda:*

Rata ta' Amsterdam tal-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

11. *Il-Portugall:*

Rata ta' Lisbona tal-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

12. *Ir-Renju Unit:*

Rata ta' Londra tal-offerta ta' self interbankarju tlett xhur

NB: Dawn ir-rati ser jiżdiedu b' wieħed fil-mija, li jaqbel mal-marġini tal-bank”

(l) Ir-rati netti ta' nteressi, jiġifieri r-rati wara t-tptattija tal-parti possibilli li taqbel mat-tariffi fiskali (taxxa taż-żamma, eċċ.).